# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 556/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Peter Axisa**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Peter Axisa, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 804848M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi, talli ghan-nom u in rappresentanza ta' Ta' Qali Producer Group u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxi skond l-Att ta' 1-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru.XXIII ta' 1-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess att, naqas sal-hmistax il-jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fih intemmu z-zminijiet ta' taxxa relattivi li jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxi (11) id-denunzji,

flimkien mal-hlas dovut, li saru dovuti fil-perjodi li ntemmu fil-31 ta' Dicembru, 2011 sal-31 ta' Marzu, 2014 u dan bi ksur tal-artikoli 27, 66, 76 (c) u 76 (d) ta' l-Att Nru.XXIII ta' l-1998;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-10 ta' Dicembru, 2016 li biha sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ikkundannatu multa ta' tmien mitt Euro (€800) u b' applikazzjoni ta' l-artikolu 76 ta' 1-istess Kapitolu 406 ordnat lill-imputat sabiex fi zmien tlett xhur jikkonforma ruhu mal-ligi u fin-nuqqas jehel multa ohra ta' hames Euro (€5.00) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Peter Axisa, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-22 ta' Dicembru, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha **thassar u tirrevoka** s-sentenza appellata u tillibera lill-akkuzat mill-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunisdrat:

1. Illi l-appellant ihossu aggravat bis-sentenza tal-ewwel Qorti u jressaq is-segwenti gravam singolari: "l-Ewwel Onorabbli Qorti

ghamlet aprezzament zbaljat tal-intenzjoni onesta tal-appellant u ma kkunsidratx l-ghemil tieghu sabiex jissalvagwardja l-interessi tal-haddiema li jigu l-ewwel fil-gradwatorja tal-krediti kummercjali;

2. Illi qabel kull konsiderazzjoni ohra din il-Qorti tosserva illi s-sentenza appellata iggib id-data tal-10 ta' Dicembru, 2016 meta l-atti jindikaw illi f'dik id-data l-atti kienu ilhom konkluzi sa mill-10 ta' Dicembru 2015. Illi ghalhekk din il-Qorti ser ikollha tiddikjara din is-sentenza nulla u bla effett stante li hija karenti minn dettall indispensabbli ghall-validita' taghha u ghalhekk ser tghaddi biex tiddeciedi l-kawza mill-gdid;

3. Tajjeb li jkun senjalat in rigward illi meta s-sentenza tkun dikjarata nulla u l-Qorti tal-Appell tisma u tiddeciedi l-kaz mill-gdid skond l-artikolu 428(3) Kap 9, l-aggravji tal-appell jitqiesu bhala sottomissjonijiet **–** Ara **Il-Pulizija vs Dr. Alfred Grech –** App Krim 10.9.2007 ;

4. Mill-assjem tal-provi jemergi illi l-appellant kien jirraprezenta socjeta' ezenti bi kreditu fejn tikkoncerna it-Taxxa dwar il-Valur Mizjud. Kif spjega x-xhud tal-prosekuzzjoni, dan ifisser illi din is-socjeta' qatt ma tista' tkun dovuta tghaddi VAT lid-dipartiment ghaliex ma tigbor ebda tali taxxa minn fuq il-konsumatur u, ghall-kuntrarju, tkun dovuta lilha rifuzzjoni tal-VAT li tinkorri fl-operat taghha. Minkejja dan, id-dover tas-socjeta' li taghmel dawk id-denunzji skont il-ligi u fil-hin xorta jibqa' jinkombi fuqha. Minn naha l-ohra, jekk ma ddahhalx dawn id-denunzji, id-dipartiment ma jkunx jaf x'ammonti ta' VAT ghandu jirrifondi lis-socjeta';

5. Issa, kif xehed l-appellant in-nuqqas tieghu li jdahhal tali denunzji kien wiehed intenzjonat u dan ghaliex, minkejja li kien jaf li hemm flus li taghhom kien ser jitlob rifuzzjoni mid-dipartiment,

ma riedx li dawn jkunu depozitati fil-kont bankarju tal-Ghaqda tal-Produtturi ghaliex b'hekk kienu jkunu kolpiti minnufih bil-mandati ta' sekwestri in vigore kontra l-istess Ghaqda. Konsegwenza ta' dan, ma kienx ikun hemm flus bizzejjed sabiex jithallsu l-impjegati;

6. Ix-xhud tal-prosekuzzjoni ddikjara illi l-Ghaqda irregolat ruhha u pprezentat id-denunzji fl-24 ta' Mejju 2016, ghalhekk indubbjament tardivament b'seba' xhur wara li deher quddiem l-ewwel Qorti. L-intenzjoni tal-appellant li jipprolunga l-hlasijiet mid-Dipartiment sabiex jipprotegi lill-impjegati integrata kif jghid l-appellant mal-fatt illi l-Ghaqda kienet dipendenti ghas-sopravivenza taghha fuq fondi mwieghda li qatt ma avveraw ruhhom iwasslu biss ghall-ammissjoni tieghu. Ammissjoni din li hija konfermata fir-rikors tal-appell meta jghid hekk: "Li dan izda ma sehhx u d-denunzji ma gewx ipprezentati, liema sitwazzjoni l-appellant ser jirregolarizza bil-prezentata tal-istess";

7. Din il-Qorti ghalhekk, wara li rat l-artikoli 27, 66, 76(c) u (d) tal-Kapitolu 406 tal-ligijiet ta' Malta, qed issib lill-appellant hati tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu b'dan illi issa li rregola ruhu ma ghadx hemm lok ghal-imposizzjoni ta' ordni ta' adempiment soggetta ghall-multa gornaliera fin-nuqqas. Konsegwentement qed tikkundannah ghal-multa ta' €700;